# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 7 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 13**

**Rikors numru 896/2020/1 GM**

**Pauline Debono**

**v.**

**Paul Falzon**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell: (i) mid-digriet tad-29 ta' April, 2021, li permezz tiegħu l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili qalet li l-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet fejjieda xi jressaq f'din il-kawża; u (ii) mis-sentenza finali tas-6 ta' Mejju, 2021 maqtugħa bid-dispensa tas-smigħ skont l-**Artikolu 167 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, fejn il-konvenut

ġie kkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' €16,000, bl-imgħax mill-21 ta' Ġunju, 2019.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf tas-7 ta' Ottubru, 2020, l-attriċi Pauline Debono fissret li hija kellha €25,000 għand il-konvenut Paul Falzon. Tgħid li fil-21 ta' Ġunju, 2019, il-konvenut iffirma dikjarazzjoni li biha stqarr li huwa kien qiegħed irodd lura s-somma ta' €9,000 u li kien għalhekk għad fadallu jħallasha s-somma ta' €16,000. Din id-dikjarazzjoni ġiet mehmuża mar-rikors maħluf.

3. Billi skont l-attriċi s-somma ta' €16,000 flimkien mal-imgħax hija ċerta, likwida u dovuta u billi dejjem fil-fehma tal-attriċi, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talba tagħha għar-radd lura ta' dawn il-flus, hija talbet lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

> *«1. Taqta' u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u ċjoè bid-dispensa tas-smigħ;*
>
> *2. tiddikjara lill-konvenut bħala debitur tal-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000), jew somma oħra verjuri;*
>
> *3. tiddikjara u tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000), hekk likwidata. Kollox skont kif ġie dikjarat aktar 'il fuq u għar-raġunijiet premessi.*
>
> *Bl-imgħax u bl-ispejjeż kontra l-intimat li minn issa jibqa' inġunt għas-subizzjoni.»*

4. B'digriet mogħti fl-14 ta' Ottubru, 2020, l-Ewwel Qorti poġġiet il-

kawża għad-29 ta' Ottubru, 2020 u wissiet lill-konvenut li jekk dakinhar huwa ma jidhirx, hija kienet sejra tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attriċi.

5. Fis-seduta tad-29 ta' Ottubru, 2020, l-Ewwel Qorti semgħet ix-xhieda ta' Paul Falzon li qal li hu qatt ma ra d-dikjarazzjoni tal-21 ta' Ġunju, 2019, li fuqha saret din il-kawża. Minħabba f'hekk l-Ewwel Qorti ħatret lill-Avukata Juliana Scerri Ferrante bħala espert kalligrafu sabiex tistabbilixxi jekk il-firma li tidher fuq din id-dikjarazzjoni hijiex tal-konvenut.

6. Fil-15 ta' Marzu, 2021, il-konvenut ippreżenta nota fejn talab lill-Ewwel Qorti sabiex taħtar periti addizzjonali u dan bla ħsara għall-jedd tiegħu illi jagħmel l-eskussjoni tal-perit ġudizzjarju.

7. Il-perit ġudizzjarju ħalfet ir-rapport tagħha fl-24 ta' Marzu, 2021 u fih hija kkonkludiet li l-firem li jinsabu fuq id-dikjarazzjoni tal-21 ta' Ġunju, 2019 huma tal-attriċi u tal-konvenut.

8. Fis-seduta tad-29 ta' April, 2021, il-konvenut ippreżenta nota b'rapport *ex parte* mħejji minn Alberta Borg, li hija esperta fil-kalligrafija. F'dan ir-rapport tagħha hija qalet hekk:

> «*While the contested signature displays similarities with the sample signatures, there are also differences to note, including in the execution of the 'z', the execution and pause on the final letter 'n' and most notably in the height and length of final stroke and the letter it traverses.*»

9. Dakinhar stess, fis-seduta tad-29 ta' April, 2021, l-Ewwel Qorti ddikjarat fil-verbal tagħha li:

> *«Billi l-Qorti mhijiex sodisfatta li hemm eċċezzjonijiet validi x'jingħataw, u wara li rat ir-rapport tal-perit tekniku kif ukoll ir-rapport ex parte, tordna lill-attriċi tressaq il-provi tagħha.»*

10. L-attriċi xehdet dakinhar ukoll u wara li sarilha l-kontroeżami, l-Ewwel Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.

11. Is-sentenza ġiet mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-6 ta' Mejju, 2021, fejn ġie deċiż hekk:

> *«Rat illi l-konvenut, muri d-dikjarazzjoni fid-dokument a fol 8 li fih hemm iddikjarat mill-attriċi li kien qiegħed jagħtiha €9,000 mill-€25,000 li kellu fil-pussess tiegħu u li għalhekk kien fadallu €16,000 x'jagħtiha, bil-firma tal-attriċi kif ukoll, allegatament, tiegħu, xehed fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 2020 b'mod evażiv għall-aħħar u xeħet dubju jekk il-firma kinitx tiegħu.*
>
> *Rat illi l-Qorti ħatret espert kaligrafu li permezz ta' rapport tal-24 ta' Marzu 2021 ikkonfermat li l-firem fuq l-imsemmija dikjarazzjoni kienu tal-partijiet kontendenti.*
>
> *Rat li fis-17 ta' Marzu 2021 u ċjoè qabel il-preżentata tar-rapport tal-espert ġudizzjarju – u għalhekk irritwalment - il-konvenut talab il-ħatra ta' periti perizjuri.*
>
> *Rat ir-rapport ta' Alberta Borg, li tistqarr li hi espert kaligrafu, ex parte tal-attur, ippreżentat waqt l-udjenza tad-29 ta' April 2021 u bla ma talab il-permess tal-Qorti li skontu hemm xi differenzi bejn il-firma tal-konvenut fuq l-imsemmija dikjarazzjoni u firem oħra tiegħu iżda ma kkonstatatx jekk hix awtentika jew le filwaqt li ma rrelatatx fuq il-firma tal-attriċi. Semgħet id-depożizzjoni tal-attriċi li permezz tagħha kkonfermat it-talbiet tagħha bil-ġurament.*
>
> *Rat li l-konvenut ma tax prova bil-ġurament tiegħu, jew xort'oħra li fil-fehma tal-Qorti hi biżżejjed biex turi li għandu eċċezzjonijiet prima facie, fil-liġi jew fil-fatt xi jġib kontra l-mertu tal-azzjoni u ddifferiet il-kawża għal-lum għas-sentenza.*
>
> *Decide*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premessi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:*

*[1] Tilqa' l-ewwel talba billi taqta' u tiddeċiedi l-kawża abbażi tal-artikolu 167 tal-Kapitolu 12 u ċjoè bid-dispensa tas-smigħ;*

*[2] Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara lill-konvenut bħala debitur tal-attriċi fis-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000) għar-raġunijiet premessi fir-rikors promotur.*

*[3] Tilqa' t-tielet talba billi tordna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' sittax-il elf ewro (€16,000).*

*Bl-imgħax mill-21 ta' Ġunju 2019 sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kontra l-konvenut.»*

12. Il-konvenut Paul Falzon appella b'rikors tal-25 ta' Mejju, 2021 fejn talab għat-tħassir kemm tad-digriet tad-29 ta' April, 2021 fejn l-Ewwel Qorti ma ħallitux iressaq eċċezzjonijiet biex jikkontesta din il-kawża, kif ukoll tas-sentenza finali tas-6 ta' Mejju, 2021 fejn huwa ġie kkundannat iħallas lill-attriċi s-somma ta' €16,000, bl-imgħax mill-21 ta' Ġunju, 2019.

13. L-aggravji tal-konvenut jistgħu jinġabru hekk: (i) li huwa kellu jitħalla jikkontesta l-kawża għaliex kellu eċċezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attriċi skont l-**Artikolu 170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**; (ii) li r-rapport tal-perit *ex parte* jagħti ħjiel illi l-firma fid-dikjarazzjoni tal-21 ta' Ġunju, 2019 setgħet ma kinitx tal-konvenut; (iii) li hu ġie mċaħħad mill-jedd tiegħu li jitqabbdu periti addizzjonali; u (iv) li l-mod ta' kif l-Ewwel Qorti qatgħet il-kawża jmur kontra l-jedd tal-*audi alteram partem*.

14. L-attriċi Pauline Debono wieġbet għal dan l-appell fis-16 ta’ Ġunju, 2021, u hemmhekk hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn temmen li l-appell tal-konvenut għandu jiġi miċħud.

15. Inżamm smigħ fis-17 ta’ Ottubru, 2024 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

16. L-appell tal-lum għandu x’jaqsam mat-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 167** sa **170 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, li jitkellmu dwar il-proċedimenti sommarji.

17. Dawn l-artikoli huma minnhom infushom ta’ natura eċċezzjonali għaliex dawn jitbiegħdu mill-prinċipju ġenerali tal-liġi li jrid li kawża għandha tinqata’ wara li l-qorti tieħu qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet tal-partijiet fil-kawża (ara ***Emmanuel Bonello v. I.T. Properties Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta’ Diċembru, 2005). Kemm hu hekk, il-proċeduri sommarji huma l-eċċezzjoni għar-regola ġenerali tal-*audi alteram partem* (ara ***Antonella Mizzi v. Jean Claude Micallef*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Ottubru, 2013).

18. L-artikoli marbuta mal-proċess sommarju għalhekk għandhom jiġu

meqjusa b'ċertu reqqa, tant li ġie mtenni li dawn għandhom jiġu mħarsa *ad unguem*, jiġifieri bl-eżatt (ara ***Charles Bonnici nomine v. Anna Farrugia*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Frar, 1999). Ifisser dan, li qabel tissokta bid-dispensa tas-smigħ, il-qorti trid tkun konvinta li r-rikors imressaq mill-attur ikun iħares il-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-liġi biex il-kawża tkun tista' tinqata' skont il-proċedura sommarja.

19. Il-qorti m'għandhiex tiddejjaq jew toqgħod lura milli tiċħad talba biex jinżammu proċeduri sommarji, jekk hija tintebaħ li r-rikors imressaq mill-attur ma jkunx joqgħod għalkollox ma' dak li titlob il-liġi. Anzi huwa dmir tal-qorti li twarrab il-proċedura sommarja u tordna li kawża tieħu l-kors ordinarju tagħha, jekk hija issib xi nuqqas ta' ħtieġa proċedurali mandatorja fir-rikors, li permezz tiegħu qed jintalab id-dispensa tas-smigħ (ara ***EuroJet Limited v. High Flyer Services Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Mejju, 2000).

20. Biex wieħed isemmi eżempju, fis-sentenza ***Vella Estates Limited v. Emanuel Borg*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Ġunju, 2011 ġie stabbilit li l-attur ma jistax jitlob li l-kawża tinqata' bid-dispensa tas-smigħ, jekk huwa stess fir-rikors maħluf ikun niżżel it-twissija msemmija fl-**Artikolu 156(1)(d) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex il-konvenut iressaq risposta maħlufa fi żmien għoxrin jum minn meta jirċievi r-rikors maħluf. Hekk ukoll fis-sentenza

***Executive Security Services Limited vs. Cavendish Hotels Ltd*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-21 ta' Ġunju, 2021 ġie mfisser li attur ma jistax jinsisti li l-kawża tinqata' bil-proċediment sommarju jekk kemm-il darba dan jonqos milli jagħmel dikjarazzjoni skont l-**Artikolu 167(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura**, fejn jgħid li sa fejn jaf hu, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talbiet tiegħu.

21. Tassew il-jedd tal-udjenza u tal-kontestazzjoni m'għandhomx jitwarrbu kif ġieb u laħaq iżda għandhom jiġu dispensati biss, kull fejn ikun hemm iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali kollha msemmija fil-liġi. Wara kollox il-liġi tal-proċedura diġà qiegħda tpoġġi l-konvenut f'pożizzjoni ta' żvantaġġ billi fl-ewwel lok teżiġi minnu l-preżenza fiżika tiegħu fil-jum tas-smigħ u mbagħad li hu jkun pront bid-difiża tiegħu biex jikkonvinċi lill-Qorti li kellu eċċezzjonijiet validi x'jagħti fuq bażi *prima facie*. F'tali ċirkostanzi għalhekk il-Qorti trid toqgħod attenta milli tagħmel is-sitwazzjoni tal-konvenut aktar iebsa milli tkun (ara ***Agnes Farrugia et v. John Hili et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-6 ta' Ottubru, 2010).

22. Issa l-liġi tagħti żewġ rimedji lill-konvenut biex iwaqqaf il-proċeduri sommarji. Il-konvenut jista' jagħżel li jippreżenta nota fir-reġistru jew fl-udjenza, fejn jispjega li l-proċedura bil-proċediment sommarju mressqa mill-attur, «*mhix regolari jew ma tgħoddx għall-każ*»; jew inkella jista' jagħżel illi fl-ewwel udjenza jipprova jikkonvinċi lill-Qorti li *prima facie*

huwa għandu eċċezzjonijiet tajba x'jagħti jew kontrotalba valida xi jressaq fil-mertu (ara ***Carmel Cortis v. Paul Fenech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 2015).

23. Il-konvenut huwa ħieles li jinqeda b'dawn iż-żewġ rimedji flimkien biex il-proċeduri ma jibqgħux bil-proċediment sommarju u jimxu skont il-proċedura ordinarja (ara ***Josephine Snoussi v. Carmel Grixti*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Jannar, 2022).

24. Illi meta l-konvenut, bħal fil-każ tal-lum, jitlob li jingħata l-fakultà li jikkontesta t-talba, huwa jrid jipperswadi lill-qorti li huwa għandu eċċezzjonijiet *prima facie* fil-liġi jew fil-fatt, xi jġib kontra l-mertu tal-azzjoni, li huma biżżejjed biex jagħtuh il-jedd li jopponi t-talba jew li jagħmel kontrotalba. Naturalment imiss lill-Qorti li tagħmel l-apprezzament meħtieġ, b'dana li jekk il-konvenut ma jissodisfax lill-Qorti li *prima facie* għandu eċċezzjoni valida x'jagħti, il-Qorti għandha tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attur (ara ***Joseph Grech v. Domenico Savio sive Savio Spiteri et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Frar, 2000).

25. Għandu jkun biżżejjed ovvju, li mhux għax il-konvenut sempliċement jallega li għandu eċċezzjoni valida, allura l-qorti hija obbligata li bilfors tagħtih il-fakultà li jippreżenta l-eċċezzjonijiet b'mod

formali. Li kieku kien hekk, l-għan wara l-proċedura sommarja jintilef għalkollox u jispiċċa bla użu (ara ***Dr. Mario Schembri nomine v. Joseph Carbonaro nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Jannar, 1997).

26. Mill-banda l-oħra però, f'dan l-istħarriġ preliminari tagħha, il-qorti m'għandhiex tara jekk il-konvenut għandux raġun fl-eċċezzjoni tiegħu, iżda għandha tqis biss jekk mad-daqqa t'għajn il-konvenut għandux difiża valida x'jagħti kontra t-talbiet tal-attur. Fi kliem ieħor, meta l-qorti tiddeċiedi li ma tħallix lill-konvenut jikkontesta il-kawża, hija trid tkun ċerta li l-konvenut tabilħaqq ma kellux eċċezzjonijiet validi x'iressaq (ara ***Ivan Calleja et v. Tania Borg et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' April, 2024). Kif tajjeb poġġietha l-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Giuseppe Carabott v. Stefania Carabott*** deċiża fis-27 ta' Novembru, 2009, qabel ma tasal li tiċħad is-smigħ tal-provi, il-qorti trid tkun ċerta li l-konvenut lanqas biss għandu, kif jgħidu l-Ingliżi, «*a leg to stand on*.»

27. Imħaddmin dawn il-prinċipji għall-każ tagħna, din il-Qorti ma tistax ħlief taqbel mal-konvenut li l-Ewwel Qorti ma eżerċitatx kif imiss is-setgħat mogħtija lilha taħt l-**Artikoli 167** sa **170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

28. Ibda biex, id-deċiżjoni jekk il-konvenut kellux eċċezzjonijiet x'jista' jressaq kontra t-talbiet tal-attriċi kellha tingħata mill-Ewwel Qorti fl-ewwel

seduta tad-29 ta' Ottubru, 2020 u mhux sitt xhur wara fid-29 ta' April, 2021, wara li l-Ewwel Qorti laħqet semgħet xi xhieda u saħanistra anke ħatret perit ġudizzjarju. Anzi l-fatt biss li l-Ewwel Qorti semgħet ix-xhieda u anke ħatret perit ġudizzjarju jmur kontra d-deċiżjoni finali tagħha stess li l-kawża kienet qiegħda tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ. Ma hemmx għalfejn ngħidu, huwa għalkollox kontradittorju li wieħed jgħid li l-kawża qiegħda tinqata' mingħajr smigħ, meta mbagħad mill-atti jirriżulta li mhux biss instemgħu xi xhieda iżda anke li ġie appuntat perit ġudizzjarju sabiex jistabbilixxi l-verità tal-fatti.

29. Fuq kollox, din il-Qorti qiegħda tifhem li l-Ewwel Qorti ma ħatritx lill-perit ġudizzjarju għal xejn b'xejn jew sempliċement għall-gost. Huwa ċar li l-Ewwel Qorti ħasset il-ħtieġa li għandha taħtar il-perit ġudizzjarju minħabba li fl-ewwel seduta l-konvenut qanqal dubju fl-awtentiċità tad-dikjarazzjoni tal-21 ta' Ġunju, 2019, li fuqha ġiet imsejsa l-kawża tal-attriċi. Għalhekk ladarba l-Ewwel Qorti ħasset il-bżonn li taħtar perit ġudizzarju sabiex il-perizja tiegħu tikkostitwixxi prova ta' fatt fl-atti tal-kawża, allura dan bilfors kien ifisser li fl-ewwel seduta tad-29 ta' Ottubru, 2020, hija kienet qiegħda tagħraf li għall-għanijiet tal-**Artikolu 170(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, il-konvenut kellu fuq kejl ta' *prima facie*, eċċezzjoni xi jressaq kontra t-talbiet tal-attriċi.

30. Imxiet ħażin għalhekk l-Ewwel Qorti fis-seduta tad-29 ta' Ottubru,

2020 meta minflok tat il-fakultà lill-konvenut sabiex iressaq ir-risposta maħlufa tiegħu, hija ħatret perit ġudizzjarju biex jivverifika s-siwi tal-allegazzjoni tal-konvenut dwar il-ġenwinità tad-dikjarazzjoni tal-21 ta' Ġunju, 2019. Terġa' u tgħid l-Ewwel Qorti kompliet aktar tgħarraq il-qagħda legali tal-konvenut meta fis-seduta tad-29 ta' April, 2021 hija ddikjarat li ma kinitx sodisfatta li l-konvenut għandu eċċezzjonijiet xi jressaq u fis-6 ta' Mejju, 2021 għaddiet biex tat is-sentenza finali kontra tiegħu.

31. B'żieda ma' dan, din il-Qorti tqis ukoll li l-Ewwel Qorti kellha twarrab it-talba tal-attriċi biex il-kawża titmexxa bil-proċediment sommarju għaliex l-attriċi ma kinitx kompletament onesta fid-dikjarazzjoni magħmula minnha fir-rikors maħluf skont l-**Artikolu 167(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, meta qalet li fl-opinjoni tagħha l-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet xi jressaq.

32. Din il-Qorti tifhem li d-dikjarazzjoni msemmija f'dan l-artikolu mhijiex sempliċi formalità li hija meħtieġa biss għall-għanijiet purament proċedurali. L-effetti tal-proċediment sommarju huwa li l-qorti għandha taqta' l-kawża skont it-talbiet attriċi, jekk kemm-il darba jintwera li l-konvenut m'għandux *probabilis causa litigandi* (ara ***Angela Ciantar v. Philip Delceppo*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-3 ta' Frar, 2009). Naturalment il-proċediment sommarju jista' jagħti lok għal deċiżjoni, li

f'għajnejn il-parti li kontra tagħha jkun mar il-ġudizzju, tkun tidher li hija inġusta għaliex din tkun ċaħditu minn smigħ ordinarju (ara ***Avukat Dottor Victor Ragonesi v. Albert Stagno Navarra et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Diċembru, 2002).

33. Huwa tabilħaqq għalhekk li l-liġi titlob mill-attur li jagħmel dikjarazzjoni maħlufa fir-rikors tiegħu, fejn fiha jgħid li sa fejn jaf hu, il-konvenut m'għandux difiża xi jressaq kontra t-talbiet tiegħu. Dikjarazzjoni bħal din m'għandhiex tkun waħda li tingħata biss għad-deher, iżda trid tkun waħda ġenwina. Meta attur jagħmel dikjarazzjoni maħlufa bħal din, huwa jrid ikun konvint li l-konvenut m'għandux difiża x'jagħti (ara ***Av. Adrian Attard nomine v. Central Marine Limited*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Lulju, 2021).

34. Jekk l-attur ikollu xi ħjiel jew suspett li l-konvenut għandu xi difiża xi jressaq, huwa ma jistax jagħmel id-dikjarazzjoni msemmija fl-**Artikolu 167(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura**. Dan jibqa' jgħodd anke jekk l-attur ikun jemmen bi sħiħ li dik id-difiża ma tkunx waħda fejjieda. Kemm hu hekk, skont il-liġi d-dikjarazzjoni trid tkun, li sa fejn jaf l-attur, il-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet x'jagħti kontra t-talba u mhux li l-konvenut m'għandux eċċezzjonijiet validi x'jagħti kontra t-talba.

35. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-**Artikolu 167(1) tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** għalhekk trid tkun waħda sinċiera u mhux waħda qarrieqa jew superfiċjali li ssir biss biex l-attur jipprova jevita l-proċediment ordinarju.

36. Rilevanti ħafna f'dan il-kuntest hija s-sentenza ***Billboard Advertising Limited v. Stefan Vassallo*** maqtugħa mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar, 2015. F'dik il-kawża l-kumpannija attriċi, qabel bdiet il-proċediment sommarju, kienet interpellat lill-konvenut sabiex iħallas djunu permezz ta' ittra ġudizzjarja skont l-**Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Il-konvenut kien wieġeb għal dik l-ittra permezz ta' nota fejn ikkontesta t-talbiet attriċi bħala mhux imsejsa fil-fatt u fid-dritt. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

> *«Huwa minnu li din l-oppożizzjoni għat-talba (altrimenti l-ittra uffiċjali kienet issir eżekuttiva) kienet pjuttost ġenerika u allura s-soċjetà appellata ma setax kellha ideja ta' x'eċċezzjonijiet il-konvenut seta' jintavola, iżda fil-fehma tal-Qorti min ikun jaf li l-allegat debitur tiegħu ikun qed jikkontesta dak id-debitu, ma huwiex xieraq li jippreżenta kawża skont l-artikolu 167 imsemmi u allura jiddikjara illi jaf li l-konvenut ma għandux eċċezzjonijiet validi xi jressaq. Dan ma jfissirx li ma jkunx hemm każi fejn effettivament dan ikun il-każ iżda jkun hemm ukoll każi fejn din id dikjarazzjoni tkun effettivament azzardata;*
>
> *Wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh li l-proċedura inkwistjoni hija waħda eċċezzjonali u li hija l-uniku każ fejn il-Qorti tiddispensa mis-smigħ tal-kawża u allura hija eċċezzjoni għall-massima daqstant importanti ta' audi alteram partem. Kwindi tista' tiġi applikata biss bil-massima ċirkospezzjoni u jekk l-attur ikun jaf li hemm eċċezzjonijiet x'jitressqu (anke jekk dawn jistgħu ma jirriżultawx ġustifkati wara li jkunu ġew trattati) l-istess proċedura tista' tkun abbużiva (vide* ***Fenech v. Camenzuli****, Prim' Awla, 25 ta' Ottubru 1985).»*

37. Anke fil-każ tal-lum, l-attriċi kienet fil-25 ta' Awwissu, 2020 bagħtet ittra uffiċjali lill-konvenut taħt l-**Artikolu 166A tal-Kodiċi ta'**

**Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** sabiex taqleb f'titlu eżekuttiv il-pretensjoni tagħha li hija għandha titħallas mingħand il-konvenut is-somma ta' €16,000 skont id-dikjarazzjoni tal-21 ta' Ġunju, 2019.

38. Li ma qalitx l-attriċi iżda huwa li fl-4 ta' Settembru, 2020 il-konvenut kien ippreżenta nota ta' oppożizzjoni skont l-**Artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** fejn qal: (i) li huwa jiċħad il-kontenut tad-dikjarazzjoni tal-21 ta' Ġunju, 2019; (ii) li l-firma li tidher f'din id-dikjarazzjoni hija falza; (iii) li huwa ma għandu jħallas xejn lill-attriċi; (iv) li anzi hu għandu jiġbor flus mingħand l-attriċi; u (v) li l-attriċi daħlet ġewwa ġid tal-kumpanija tiegħu u serqitlu xi affarijiet minn hemm.

39. Għalkemm f'din il-kawża l-attriċi ppreżentat biss l-ittra uffiċjali tagħha tal-25 ta' Awwissu, 2020, madankollu din il-Qorti setgħet tieħu għarfien tan-nota ta' oppożizzjoni li saret mill-konvenut fl-4 ta' Settembru, 2020 minħabba li huwa miżmum fil-ġurisprudenza li ladarba atti ġudizzjarji huma atti ppreżentati fir-reġistru, allura l-qorti jista' jkollha aċċess għalihom.

40. Jiġi b'hekk, li d-dikjarazzjoni tal-attriċi magħmula fir-rikors maħluf tagħha tas-7 ta' Ottubru, 2020, illi fil-fehma tagħha l-konvenut ma kellux eċċezzjonijiet x'jagħti ma setgħetx tittieħed bħala waħda siewja. Dan hu hekk għaliex jirriżulta li fl-4 ta' Settembru, 2020 il-konvenut kien ġa

esprima l-oġġezzjonijiet tiegħu għall-kreditu ta' €16,000 pretiż mill-attriċi.

41. F'dawn iċ-ċirkostanzi allura l-konvenut għandu raġun jilmenta illi l-Ewwel Qorti kellha tħallih iressaq l-eċċezzjonijiet tiegħu permezz ta' risposta maħlufa u f'dan is-sens għalhekk l-appell tal-konvenut sejjer jiġi milqugħ.

42. Dan ifisser ukoll li l-atti sejrin jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex din terġa' tqis mill-ġdid il-każ, mhux iktar però bħala proċediment sommarju iżda bħala proċediment ordinarju.

43. Biex l-affarijiet ikunu ċari l-provi li nġabru sa issa quddiem l-Ewwel Qorti, inkluż ir-rapporti tal-perit ġudizzjarju u tal-espert *ex parte* għandhom jibqgħu jservu bħala prova għal din il-kawża. Madankollu billi l-konvenut ħa jingħata l-fakultà li jressaq risposta maħlufa, dan ifisser li l-attriċi u l-konvenut għandhom ikollhom il-jedd li jekk iridu jressqu l-provi tagħhom skont il-proċediment ordinarju.

44. Din il-Qorti tagħlaq din is-sentenza billi tgħid li hija lanqas ma taqbel mal-Ewwel Qorti li n-nota tal-konvenut għall-ħatra ta' periti addizzjonali hija irritwali għaliex saret qabel il-preżentata tal-espert kaligrafu.

45. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi rilevanti dwar il-pubblikazzjoni tar-rapport tal-perit ġudizzjarju huma l-**Artikoli 672** u **677 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** li jaqraw hekk:

> *«672. (1) Fil-ġurnata mogħtija għall-pubblikazzjoni tar-rapport, il-perit għandu jidher il-qorti biex jaqra fil-pubbliku u jwettqu bil-ġurament, jekk ma jkunx mill-qorti ġie dispensat milli jidher.*
>
> *(2) Il-ġurament jiġi mogħti lill-periti mir-reġistratur.*
>
> *...*
>
> *677. (1) It-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali għandha ssir b'nota ppreżentata fi żmien għaxart ijiem.*
>
> *(2) Dak iż-żmien jibda għaddej mid-data tal-pubblikazzjoni tar-rapport. Jekk il-periti jkunu ġew dispensati milli jattendu quddiem il-qorti skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-artikolu 672, dak iż-żmien għandu jibda jgħaddi mid-data tal-wasla għand il-parti jew għand il-prokuratur legali tiegħu ta' avviż iffirmat mir-reġistratur li jgħid li r-rapport ikun ġie pubblikat.»*

46. Skont il-liġi għalhekk ir-rapport tal-perit ġudizzjarju għandu jiġi moqri pubblikament minnu u kkonfermat bil-ġurament quddiem il-Qorti fil-jum imħolli għall-pubblikazzjoni tiegħu. Dan hu hekk sakemm id-dehra tal-perit ġudizzjarju ma tkunx ġiet dispensata mill-Qorti.

47. Fil-każ tagħna, mhuwiex daqshekk ċar mill-atti tal-kawża ta' kif saret il-pubblikazzjoni tar-rapport. Dan għaliex la jirriżulta li l-perit ġudizzjarju qrat u ħalfet ir-rapport tagħha quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas ma jirriżulta b'mod espress li hija ġiet meħlusa milli tidher quddiem l-Ewwel Qorti skont l-**Artikolu 672 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Għalkemm irid jingħad li fis-seduta tas-26 ta' Jannar,

2021, l-Ewwel Qorti kienet ordnat li ssir komunika lill-perit ġudizzjarju sabiex hija tippreżenta r-rapport tagħha sal-15 ta’ Frar, 2021 u allura wieħed jista’ jinterpreta din l-ordni bħala xi forma ta’ dispensa lill-perit ġudizzjarju milli tidher quddiem l-Ewwel Qorti.

48. Jekk iżda kien hemm din id-dispensa, allura skont l-**Artikolu 677(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili**, iż-żmien ta’ għaxart ijiem biex issir it-talba għall-ħatra ta’ periti addizzjonali suppost telaq mid-data tal-wasla għand il-parti jew għand il-prokuratur legali tiegħu ta’ avviż iffirmat mir-reġistratur li jgħid li r-rapport ikun ġie pubblikat. Anke hawn iżda ma jirriżultax mill-atti tal-kawża jekk ir-reġistratur bagħatx dan l-avviż jew le. Strettament għalhekk jaf ikun il-każ li fin-nuqqas ta’ dan l-avviż tar-reġistratur, it-terminu għan-nota biex jinħatru periti addizzjonali jaf lanqas għadu biss telaq.

49. Huwa veru f’dan is-sens li l-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza ***Joseph Vassallo et v. Avv. Tommaso Caruana nomine*** deċiża fit-2 ta’ Mejju, 1944 kienet qalet li għalkemm ir-rapport tal-perit ikun maħluf u jinsab imdaħħal fost l-atti tal-kawża, dan ma jistax jiġi meqjus bħala pubblikat, jekk ma ikunx hemm id-dispensa tal-perit milli jidher il-Qorti u għalhekk it-talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali magħmula qabel dik il-pubblikazzjoni ma tiswiex għax prematura. Hekk ukoll huwa minnu li l-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P.***

***Gregoire*** deċiża fid-29 ta' Marzu, 2019, kienet qalet li t-terminu ta' għaxart ijiem mogħti mil-liġi biex issir għall-ħatra ta' periti addizzjonali huwa wieħed perentorju, fis-sens li la jibda għaddej qabel ma jinfetaħ ir-rapport u lanqas jista' jitwal aktar wara li jiskadi ż-żmien.

50. Madankollu f'qagħda bħal din, din il-Qorti ma tarax raġuni siewja għaliex il-konvenut għandu jiġi penalizzat minħabba l-fatt biss li huwa jkun daħħal din in-nota qabel ma r-rapport ikun laħaq ġie ppubblikat skont il-liġi peress li dan ikun inzerta ngħata kopja tar-rapport qabel il-pubblikazzjoni formali tiegħu. Ma jagħmilx wisq sens għal din il-Qorti, li persuna li tkun għamlet in-nota qabel il-pubblikazzjoni formali tar-rapport tal-perit ġudizzjarju, titlef il-jedd tagħha li titlob għall-ħatra ta' periti addizzjonali għaliex din ma tkunx reġgħet ippreżentat l-istess nota għall-ħatra ta' periti addizzjonali wara l-pubblikazzjoni tar-rapport.

51. Din il-Qorti għalhekk qiegħda tasal għall-fehma li n-nota tal-konvenut tas-17 ta' Marzu, 2021 fejn talab li jinħatru periti addizzjonali m'għandhiex titqies bħala waħda irritwali. Minflok din it-talba għandha tiġi meqjusa mill-Ewwel Qorti, hekk kif l-atti sejrin imorru lura għandha.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **<u>tilqa'</u>** l-

appell tal-konvenut Paul Falzon u b'hekk tħassar kemm id-digriet tad-29 ta' April, 2021, kif ukoll is-sentenza finali tas-6 ta' Mejju, 2021. Minflok il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad l-ewwel talba</u>** tal-attriċi Pauline Debono biex din il-kawża tinqata' mingħajr smigħ skont l-**Artikoli 167** sa **170 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili** u tordna li li l-atti jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex tmexxi din il-kawża bil-mod ordinarju.

Għal dan il-għan il-konvenut Paul Falzon qiegħed jingħata żmien ta' għoxrin (20) jum mid-data ta' din is-sentenza sabiex jekk irid iressaq risposta maħlufa skont l-**Artikolu 158 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**.

L-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-attriċi Pauline Debono, filwaqt li l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti huma riżervati għal meta l-Ewwel Qorti tgħaddi l-ġudizzju finali tagħha wara li tmexxi l-kawża bil-mod ordinarju.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb